



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

11601/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0262(NLE)**

---

**PECHE 291  
FAO 29**

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 437 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/869

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 437 final.

Mehmuż: COM(2023) 437 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023  
COM(2023) 437 final

2023/0262 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni  
Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/869**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt laqgħat tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran għall-perjodu 2024-2028 b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran**

Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran ("il-Ftehim GFCM") ifittex li jiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli, f'termini bijoloġiċi, soċjali, ekonomiċi u ambjentali, tar-riżorsi marini ħajjin, kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fiż-żona koperta mill-Ftehim. Il-Ftehim GFCM daħal fis-seħħ fl-1952. Kienu approvati emendi tal-Ftehim GFCM fl-1963, l-1976, l-1997 u l-2014.

L-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti għall-Ftehim GFCM, billi aċċettatha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE<sup>1</sup>. Il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja huma wkoll partijiet kontraenti għall-Ftehim GFCM.

#### **2.2. Il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran**

Il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) hija l-korp stabbilit mill-Ftehim tal-GFCM biex jiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli, f'termini bijoloġiċi, soċjali, ekonomiċi u ambjentali, tar-riżorsi marini ħajjin, kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fil-Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-ilmijiet konnessi. Tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex jiġu ġestiti r-riżorsi tas-sajd fir-responsabbiltà tagħha.

Bħala membru tal-GFCM, l-UE hija intitolata tipparteċipa u tivvota fid-deċiżjonijiet tagħha. Hemm dikjarazzjoni ta' kompetenza tal-Unjoni Ewropea għall-Ftehim GFCM. L-Unjoni Ewropea teżerċita d-drittijiet tal-vot tal-Istati Membri tagħha li huma partijiet kontraenti: jekk l-Unjoni tivvota, l-ebda Stat Membru tal-Unjoni ma jivvota u viċe versa. Il-GFCM tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-GFCM preżenti u li jivvutaw.

#### **2.3. Deċiżjonijiet tas-GFCM**

Il-GFCM għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha, u dawn ikunu vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

F'konformità mal-Artikolu 13.3 tal-Ftehim tal-GFCM, il-miżuri jidħlu fis-seħħ 120 jum wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu nnotifikati bihom mill-GFCM. Il-partijiet kontraenti li joġġezzjonaw għall-miżuri adottati mill-GFCM fi żmien 120 jum mid-data tan-notifika mhumiex marbuta b'dik il-miżura. Meta aktar minn terz tal-partijiet kontraenti jissottomettu oġġezzjoni, il-partijiet kontraenti l-oħra mhumiex obbligati jimplimentaw il-miżura kkontestata.

### **3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA**

Il-pożizzjoni li tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat annwali tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) bħalissa hija stabbilita permezz ta' approċċ b'żewġ saffi. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida tal-pożizzjoni tal-

---

<sup>1</sup> ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34.

UE fuq bażi pluriennali, u minn hemm 'il quddiem din il-pożizzjoni tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali permezz ta' dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li jridu jiġu endorsjati mill-Kunsill.

Għall-GFCM, dan l-approċċ huwa implimentat mid-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/869 tal-14 ta' Mejju 2019, li tistipula l-pożizzjoni tal-UE fil-GFCM għall-perjodu 2019-2023. Id-Deċizzjoni fiha prinċipji ġenerali, iżda kemm jista' jkun tqis ukoll il-karatteristiċi speċifiċi tal-GFCM. Barra minn hekk, tistipula l-proċess standard għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE kull sena kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/869 inkorporat il-prinċipji tal-politika komuni tas-sajd il-ġdida, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, filwaqt li tqis ukoll l-oġettivi stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd<sup>3</sup>. Barra minn hekk, aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni għat-Trattat ta' Liżbona.

Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/869 tipprevedi valutazzjoni, u fejn xieraq, reviżjoni tal-pożizzjoni tal-UE qabel il-laqgħa annwali tal-2024. Għalhekk, din il-proposta tistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-GFCM għall-perjodu 2024-2028, u tissostitwixxi d-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/869.

Fir-rigward tas-sajd, din il-proposta tqis il-Patt Ekoloġiku Ewropew, notevolment l-Istrategġija għall-Bijodiversità<sup>4</sup>, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku<sup>5</sup> u "Mill-Għalqa sal-Platt"<sup>6</sup>. Tqis ukoll l-Istrategġija għall-Plastiks<sup>7</sup> u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero<sup>8</sup>. Barra minn hekk, tqis ukoll il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani<sup>9</sup>.

Din ir-reviżjoni tqis ukoll l-impenji li ttieħdu mill-UE fil-livell internazzjonali dwar il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed fid-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Malta MedFish4Ever<sup>10</sup>, fid-

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>3</sup> COM(2011) 424, 13.7.2011.

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strategġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM/2020/380).

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrategġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strategġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

<sup>7</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strategġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

<sup>8</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM/2021/400 final).

<sup>9</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

<sup>10</sup> Id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Malta MedFish4Ever. Konferenza Ministerjali dwar is-sostenibbiltà tas-sajd fil-Mediterran (Malta, it-30 ta' Marzu 2017).

Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Sofija<sup>11</sup> u fl-Istrateġija 2030 tal-GFCM għas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed<sup>12</sup>.

#### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

##### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

###### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’ sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni, u l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti taħt id-dritt internazzjonali, iżda huma “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”<sup>13</sup>.

###### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-GFCM hija l-korp stabbilit permezz ta’ ftehim, jiġifieri l-Ftehim tal-GFCM.

L-atti li l-GFCM tintalab tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti għandhom ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 13 tal-Ftehim tal-GFCM u huma kapaċi jinfluwenzaw deċiżament l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabieħ tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat<sup>14</sup>;

ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>15</sup>; u

ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta’ flotot tas-sajd esterni<sup>16</sup>.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim tal-GFCM.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

##### **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

###### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu

<sup>11</sup> Id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta’ Sofija, Konferenza ta’ Livell Għoli dwar is-sajd u l-akkwakultura fil-Baħar l-Iswed (Sofija, is-7 ta’ Ġunju 2018).

<sup>12</sup> FAO. 2021. L-istrateġija 2030 tal-GFCM għas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. Ruma. <https://doi.org/10.4060/cb7562en>

<sup>13</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

<sup>14</sup> ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

<sup>15</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>16</sup> ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti.

#### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Il-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni hija r-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni se tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/869, li tkopri l-perjodu 2019-2023.

#### **4.3. Konklużjoni**

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/869**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE<sup>1</sup>, l-Unjoni kkonkludiet il-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran ("Ftehim GFCM"). Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja huma wkoll Partijiet Kontraenti għall-Ftehim GFCM.
- (2) Il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran ("GFCM") tadotta miżuri biex tiġi żgurata l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fuq terminu twil tar-riżorsi tas-sajd u l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fiż-żona tal-Ftehim GFCM. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi marini haġġin jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li dawk l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twertiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-ażiżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (4) F'konformità mal-Istrateġiji għall-Bijodiversità<sup>3</sup>, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku<sup>4</sup> u “mill-Għalqa sal-Platt”<sup>5</sup>, huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa’ lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil klimatiku u t-telf tal-bijodiversità ma jridux jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f’saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (5) L-istrateġija għall-Plastiks<sup>6</sup> tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Pjan ta’ Azzjoni ta’ Tniġġis Zero<sup>7</sup> jimmira li jnaqqas 50 % tal-iskart tal-plastik fil-baħar u 30 % tal-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent.
- (6) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani<sup>8</sup>, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marini huma prijoritajiet ewlenin taħt l-azzjoni esterna tal-UE. L-UE hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta’ deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta’ parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.
- (7) Kif iddikjarat fil-konklużjonijiet tal-Konferenza Ministerjali dwar is-Sostenibbiltà tas-Sajd fil-Mediterran, li fit-30 ta’ Marzu 2017 adottat id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta’ Malta MedFish4Ever u tal-Konferenza ta’ Livell Għoli dwar is-Sajd u l-Akkwakultura fil-Baħar l-Iswed, li fis-7 ta’ Ġunju 2018 adottat id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta’ Sofija, il-promozzjoni ta’ miżuri li jappoġġaw u jtejjbu l-ġbir tad-data u l-evalwazzjoni xjentifika, il-ġestjoni tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistema, il-kultura ta’ konformità biex jiġi eliminat is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, is-sajd u l-akkwakultura fuq skala żgħira sostenibbli u aktar solidarjetà u koordinazzjoni, huma ċentrali għall-azzjoni tal-Unjoni fil-GFCM.
- (8) L-istrateġija għall-2030 tal-GFCM għas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed<sup>9</sup>, adottata fl-2021, tintegra u tiżviluppa aktar l-impenji u l-prijoritajiet tad-Dikjarazzjonijiet Ministerjali preċedenti, filwaqt li tiffoka wkoll fuq azzjonijiet biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi li qed jiżdiedu, bħat-tibdil fil-klima, l-

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f’haġġitna (COM/2020/380).

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f’Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

<sup>7</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b’Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta’ Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija”, COM(2021)400 final.

<sup>8</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

<sup>9</sup> L-istrateġija għall-2030 tal-GFCM, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran – GFCM L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti | Il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) | L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (fao.org).

ispeċijiet mhux indiġeni, it-tniġġis fil-forom kollha tiegħu u l-ħtieġa li jitnaqqas u jittaffa r-rimi u l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet vulnerabbli.

- (9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-GFCM għall-perjodu 2024-2028, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-GFCM jistgħu jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008<sup>11</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>12</sup>.
- (10) Bħalissa, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-GFCM hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/869<sup>13</sup>. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titfassar u li tiġi stabbilita Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2024-2028.
- (11) Fid-dawl tan-natura evolventi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim GFCM u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-GFCM, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028. Jenħtieġ li daww il-pożizzjonijiet ikunu bi qbil mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) hija stipulata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-GFCM għandha ssir f'konformità mal-Anness II.

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

<sup>11</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

<sup>12</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>13</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/869 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM), u li tħassar id-Deċiżjoni tad-19 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-GFCM (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 84).

*Artikolu 3*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-GFCM fl-2029.

*Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/869 hija mħassra.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*